**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT McKEON**

**Illum il-Hamis 27 ta` Frar 2020**

**Kawza Nru. 1**
**Rik. Nru. 153/2019/1 JZM**

**Rosanne Micallef 488278M**

***kontra***

**(i) Maged Fawzy Shokry Iskandar xi drabi indikat bhala Exkandar (ID20947A)**

**u martu (ii) Hyman Yakoub Mesak Ghbryal (ID20953A)**

**(iii) Mohsen Eskandar (ID43805A)**

**Din hija decizjoni dwar rikors li pprezentat Rosanne Micallef fis-16 ta` Mejju 2019 wara l-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni Nru. 217/2019 fl-ismijiet "Rosanne Micallef vs Maged Fawzy Shokry Iskandar et"**

**Il-Qorti :**

## I. **Preliminari**

Rat ir-rikors li jaqra hekk :-

*Illi flimkien mal-proceduri odjerni u sabiex tikkawtela l-pretensjonijiet taghha, l-esponenti kienet fit-18 ta` Frar 2019 talbet u ottjeniet il-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni (Ref. 217/2019) sabiex l-intimati jigu nibiti milli jbieghu, jittrasferixxu jew b`xi mod iehor jiddisponu minn jew jimponu xi piz jew obbligazzjoni reali jew personali fuq jew bi kwalunkwe mod ighaddu t-tgawdija temporanja jew xorta ohra jiddisponu minn jew jimponu xi piz jew obbligazzjoni reali jew personali fuq jew bi kwalunkwe mod ighaddu t-tgawdija temporanja jew xort`ohra jinnegozjaw kull propjeta` li ghandhom u b`mod partikolari l-villa bin-numru ufficjali (3) bl-isem Villa Kasana fi Triq il-Virdun gia` triq bla isem li taghti ghal Triq Regjonali fil-Kappara limiti ta` San Gwann.*

*Illi t-talba taghha kienet akkolta provizorjament minn din l-Onorabbli Qorti (diversament presjeduta) permezz ta` digriet datat 18 ta` Frar 2019 li gie notifikat lid-Direttur tar-Registru Pubbliku (Dok A).*

*Illi d-digriet provizorju ta` din il-Qorti kien gie konfermat permezz ta` digriet finali datat 18 ta` April 2019 (Dok B).*

*Illi l-intimati jidher li gew notifikati b`dan fit-22 ta` Marzu 2019 (Dok C) ghalkemm l-avukat sottofirmat kien informa lill-konsulent legali ta` l-intimati bil-presentata tal-mandat imsemmi ftit jien wara li gie ntavolat ir-rikors ghall-hrug tal-mandat ta` inibizzjoni peress li qabel ma nbdew il-proceduri odjerni il-partijiet kienu qeghdin jesploraw il-possibilita` ta` ftehim bonarju.*

*Illi fil-fatt l-intimat debitament assistit deher ghas-seduta tas-16 ta` April 2019 kif jirrizulta mill-verbal Dok D.*

*Illi dan nonostante l-intimati permezz ta` zewg kuntratti wiehed datat 21 ta` Marzu 2019 u l-iehor datat 22 ta` Marzu 2019 it-tnejn in atti tan-Nutar Dr. Nicholas Vella ikkostitwew rwiehhom debituri certi likwidi u dovuti f` tal-ewwel fl-ammont ta` €90,000 favur Dr Emanuel Angelo sive` Noel Bianco u martu Isabel Bianco, u fit-tieni l-ammont ta` €168,500 a favur ta` Anthony sive` Tonio Cassar fejn, in garanzija tal-hlas l-intimati kkostitwew ipoteka specjali fuq il-fond kolpit bil-mandat de*

*quo ossija l-villa bin-numru ufficjali tlieta (3) bl-isem Villa Kasana fi Triq il-Virdun gia triq bla isem li taghti ghal Triq Regjonali fil-Kappara limiti ta` San Gwann (Dok E u Dok F).*

*Illi apparti li s-suddetti atti huma nulli a tenur tal-artikolu 874.4 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta hija l-umili fehma ta` l-esponenti illi l-istess atti jammontaw ghal disprezz lejn l-Awtorita` ta` din l-Onorabbli Qorti.*

*Ghaldaqstant l-esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti :-*

*1. Tiddikjara ghal kull buon fini a tenur ta` artikolu 874.4 tal-Kap 12 illi l-kostituzzjoni ta` l-ipoteki specjali kif jirrizultaw mill-atti in atti tan-Nutar Dr. Nicholas Vella datati 21 ta` Marzu 2019 u 22 ta` Marzu 2019 fuq il-fond ossija il-villa bin-numru ufficjali tlieta (3) bl-isem "Villa Kasana" fi Triq il-Virdun gia` triq bla isem li taghti ghal Triq Regjonali fil-Kappara limiti ta` San Gwann huma nulli u bla effett.*

*2. Tiddikjara li l-kostituzzjoni ta` zewg ipoteki specjali fuq il-fond kolpit bil-mandat wara li dan kien milqugh jammonta ghal disprezz lejn l-Awtorita` ta` din l-Onorabbli Qorti.*

*3. Tordna lir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Civili jintavola proceduri opportuni ghal disprezz fil-konfront ta` l-intimati.*

*4. Taghti dawk il-provvediment kollha xierqa u opportun fl-ahjar interess tar-retta amministrazzjoni tal-gustizzja.*

Rat id-dokumenti li kienu prezentati mar-rikors promotur.

Rat id-digriet taghha tal-20 ta` Mejju 2019.

Rat ir-risposta li pprezentaw l-intimati fl-1 ta` Lulju 2019 li taqra hekk :-

*Illi t-talbiet li hemm fir-rikors promotur datat 18 ta` Mejju 2019 huma nfondati kemm bhala fatt kif ukoll bhala dritt.*

*Illi fil-mertu din il-propjeta` li hija villa li tiswa madwar seba` mitt elf euro (EUR 700,000) u dan fis-sens li r-rikorrenti mhijiex ser tigi pregudikata fit-talbiet taghha anke minkejja li saru dawn l-ipoteki.*

*Illi ukoll l-esponenti zgur li ma ghaddewx it-tgawdija temporanja jew xort`ohra ddisponew mill-propjeta` taghhom.*

*Illi b`dan il-mezz l-esponenti aljena lill-kredituri ohra sabiex jibdew proceduri ta` subbasta fuq il-post odjern billi hemm il-garanzija taghhom garantita.*

*Illi ghall-grazzja tal-argument jekk dawn l-ipoteki jitnehhew ser jipprecipitaw il-proceduri kontra l-esponenti halli jhallas dak dovut minnu.*

Rat id-digriet taghha tad-9 ta` Lulju 2019 fejn ir-rikors kien appuntat ghas-smigh ghall-udjenza tat-3 ta` Ottubru 2019 fl-10.30 a.m.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-4 ta` Novembru 2019 fejn *inter alia* kienet ordnata l-allegazzjoni tal-process tal-mandat ta` inibizzjoni numru 217/19 TA.

Rat l-atti ta` dan il-procediment.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-16 ta` Dicembru 2019.

Rat illi r-rikors thalla ghal provvediment ghal-lum bil-fakolta` li l-intimati jipprezentaw nota ta` osservazzjonijiet sas-6 ta` Jannar 2020.

Rat li l-intimati ma pprezentawx nota ta` osservazzjonijiet.

Rat l-atti l-ohra.

## II. <u>Fatti</u>

Mill-atti tar-rikors nru. 217/2019 TA, jirrizulta li fit-**18 ta` Frar 2019** Rosanne Micallef ressqet talba ghall-hrug ta` mandat ta` inibizzjoni kontra Maged Fawzy Shokry Iskandar (xi drabi indikat bhala Eskandar) u kontra martu Hyam Yakoub Mesak Ghbryal.

Ir-rikors kien ipprezentat a tenur tal-**Art 874 tal-Kap 12**.

Il-hrug tal-mandat intalab sabiex jikkawtela kreditu ta` Rosanne Micallef kontra d-debituri fl-ammont ta` €24,885.57.

It-talba tar-rikorrenti kienet taqra hekk :

*Illi l-esponenti, sabiex jikkawtela l-kreditu hawn that imsemmi, umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti li tordna l-hrug ta` mandat ta` inibizzjoni kontra l-intimat* ***sabiex jinzamm milli jbiegh, inehhi, jittrasferixxi jew jiddisponi inter vivos sew b`titolu oneruz jew gratuwitu kull propjeta` u b`mod partikolari il-villa bin-numru ufficjali tlieta (3) bl-isem Villa Kasana fi Triq il-Virdun gia triq bla isem li taghti ghal Triq Regjonali fil-Kappara limiti ta` San Gwann.*** (enfasi u sottolinear ta` din il-qorti).

It-talba ghall-hrug tal-mandat kienet milqugha provvizorjament minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-**18 ta` Frar 2019**. Fid-digriet taghha, il-Qorti qalet hekk :

*Tordna li jinhareg mandat provvizorju u ghalhekk bis-sahha ta` dan id-digriet qed* ***tordna lill-intimat sabiex jieqaf milli jaghmel il-hwejjeg imsemmija fir-rikors promotur*** *sa dakinhar li din il-Qorti tiddeciedi definittivament dwar it-talbiet tal-attrici* (enfasi u sottolinear ta` din il-qorti).

Mill-atti tar-rikors nru 217/19 TA, precizament minn tergo ta` fol 16 ta` dawk l-atti, jirrizulta li fis-**26 ta` Marzu 2019** l-intimati kienu notifikati bid-digriet tat-18 ta` Frar 2019. Kienu notifikati wkoll bl-istess atti bl-affissjoni fl-**4 ta` April 2019** (ara tergo ta` fol 17).

Jirrizulta li fil-**21 ta` Marzu 2019**, sar kuntratt ta` kostituzzjoni ta` debitu fl-atti tan-Nutar Dr Nicholas Vella, li bih l-intimati kkostitwew ruhhom debituri favur Dr. Emanuel Angelo sive` Noel Bianco u martu Isabel Bianco fl-ammont ta` €90,000. L-att kien iskritt fir-registru tal-ipoteki fl-**4 ta` April 2019** bin-numru 6964.

Jirrizulta li fit-**<u>22 ta` Marzu 2019</u>**, sar kuntratt ta` kostituzzjoni ta` debitu iehor fl-atti tan-Nutar Dr. Nicholas Vella, fejn l-intimati ikkostitwew ruhhom debituri favur Anthony sive Tonio Cassar fl-ammont ta` €168,500. L-att kien iskritt fir-registru tal-ipoteki fit-**<u>8 ta` April 2019</u>** bin-numru 7189.

Fid-digriet taghha tat-**<u>18 ta` April 2019</u>** fil-procediment bin-nru. 217/19 TA, din il-Qorti diversament presjeduta qalet testwalment hekk :-

*Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq imsemmija wara li rat kemm l-artiklu 873 u kif ukoll artikolu 874 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta, din il-Qorti fil-waqt li li qeghdha tikkonferma d-digriet provizorju taghha tat-18 ta` Frar 2019 qeghdha definittivament tilqa` t-talbiet tar-rikorrenti kif mitluba fir-rikors taghha tat-18 ta` Frar 2018* ***u ghalhekk qed tordna l-hrug tal-mandat ta` inibizzjoni opportun kontra l-intimati sabiex jieqfu milli jaghmlu l-hwejjeg imsemmija fir-rikors imsemmi u cioe` milli jbieghu, jittrasferixxu jew b`mod iehor jiddisponu minn jew jimponu xi piz jew obbligazzjoni reali jew personali fuq jew bi kwalunkwe mod jghaddu t-tgawdija temporanja jew xorta ohra jiddisponu minn jew <u>jimponu xi piz jew obbligazzjoni reali</u> jew personali fuq, jew bi kwalunkwe mod jghaddu t-tgawdija temporanja jew xort`ohra jinnegozjaw kull proprjeta` li ghandhom u b`mod partikolari ilVilla bin-numru ufficjali tlieta (3) bl-isem Villa Kasana fi Triq il-Virdun gia Triq bla isem li taghti ghal Triq Regionali fil-Kappara limiti ta` San Gwann.*** (enfasi u sottolinear ta` din il-qorti)

Jirrizulta li d-digriet tat-18 ta` April 2019 ghadu fis-sehh.

Ir-rikors ghall-hrug tal-mandat kien ipprezentat kontestwalment mar-rikors guramentat fl-ismijiet premessi. Il-kawza kienet deciza favur l-attrici minn din il-Qorti kif presjeduta fis-**<u>16 ta` Dicembru 2019</u>**. Ma jirrizultax illi sar appell minn din is-sentenza.

## III. <u>Dritt</u>

Kemm sabiex talbet il-hrug tal-mandat kif ukoll sabiex mexxiet bil-procediment odjern, ir-rikorrenti qaghdet fuq l-**<u>Art 874 tal-Kap 12</u>** li jaqra hekk :-

*(1) Mandat ta` inibizzjoni jista` jintalab ukoll minn kreditur biex jizgura dejn, jew kull pretensjoni ohra li tkun tammonta ghal mhux inqas minn hdax-il elf sitt mija u sitta u erbghin euro u sitta u tmenin centezmu (11,646.86). L-iskop ta` dan il-mandat hu biex izomm lid-debitur milli jbigh, jittrasferixxi jew jiddisponi inter vivos mill-proprjetà li tigi indikata fir-rikors b`titolu oneruz jew gratuwitu* ***__jew b`xi mod johloq piz jew drittijiet reali u, jew personali__*** *; izda dak il-mandat ma jghoddx ghall-kostituzzjoni ta` xi dritt fuq, jew trasferiment ta`, proprjetà li jsir skont ordni tal-qorti, jew fuq garanziji bankarji u ittri ta` kreditu.*

*(2) Meta mandat jipprojbixxi l-bejgh, it-trasferiment jew it-tnehhija ohra ta` proprjetà immobbli, ir-rikors ghandu jkun fih il-partikolaritajiet kollha li ghandhom x`jaqsmu mal-persuna li jinhareg kontriha u li huma mehtiega mil-ligi dwar ir-registrazzjoni ta` trasferiment ta` proprjetà immobbli minn dik il-persuna fir-Registru Pubbliku. Fejn il-mandat jirreferi ghall-immobbli specifici, dawn ghandhom jigu deskritti fir-rikors, bil-mod provdut fl-Att dwar ir-Registru Pubbliku, dwar noti tal-iskrizzjoni, jigifieri li din ghandha ssehh b`referenza ghad-data geografika inkwistjoni. Meta r-rikors jirreferi ghal proprjetà immobbli specifika ghandu wkoll ikollu mehmuz mieghu abbozz shih tan-nota ta` iskrizzjoni biex tigi registrata fir-Registru Pubbliku.*

*(3) Il-mandat imsemmi fis-subartikolu (2) ghandu, meta jinhareg u bi spejjez tar-rikorrent, jigi notifikat mir-Registratur, fi zmien erbgha u ghoxrin siegha lid-Direttur tar-Registru Pubbliku u lir-Registratur tal-Artijiet jew lill-awtorità li tigi desinjata mill-Ministru responsabbli ghall-Gustizzja li ghandhom minnufih jiktbuh f`registru li jzommu ghaldaqshekk. Dawn ir-registri ghandu jkollhom indici u jista` jarahom kulhadd. Dan il-mandat ghandu jigi notifikat ukoll lil kull min hekk jitnizzel mir-rikorrent.*

*(4) Malli ssir ir-registrazzjoni tal-mandat kif imsemmi fis-subartikolu (2) mid-Direttur tar-Registru Pubbliku, kull bejgh, trasferiment jew tnehhija sussegwenti ta` hwejjeg immobbli li ghalihom jirreferi l-mandat ikun null u bla ebda effett.* (enfasi u sottoilinear ta` din il-qorti)

## IV. __L-ewwel talba__

### a) __Gurisprudenza__

Il-Qorti tirreferi ghas-sentenza ta` din il-Qorti diversament presjeduta moghtija fit-12 ta` Novembru 2004 fil-kawza fl-ismijiet **__Koufra Holdings Limited vs Eridian Shipping Limited.__**

Ghalkemm id-decizjoni hija nkwadrata fuq l-Art 873 tal-Kap 12, din il-Qorti tqis illi l-insenjamenti li johorgu minnha jghoddu *mutatis mutandis* ghall-operat tad-Direttur tar-Registru Pubbliku fil-kuntest tal-Art 874 tal-Kap 12.

Fis-sentenza inghad hekk :-

*Hawnhekk li ghandu jigi deciz hu jekk l-imsemmi mandat ta' inibizzjoni jeffettwax il-kuntratt ta' akkwist tas-socjeta attrici.*

*Il-konvenuti jiccitaw il-provedimenti tal-artikolu 873(10) tal-Kapitolu 12. Dan l-artikolu jipprovdi li malli d-Direttur tar- Registru Pubbliku jirregistra mandat, bhala dak in kwestjoni, kull bejgh u trasferiment ta' immobbli, li ghalihom jirreferi l-istess mandat, u li jkun sussegwenti ghall-imsemmija registrazzjoni, ikun null u bla ebda effett. Hawnhekk trid issir referenza ghall-artikolu 873(9) tal- istess Kapitolu. Dan l-artikolu jipprovdi, fost affarjiet ohra, li min jitlob il-hrug tal-mandat ghandu jiehu hsieb li l-istess mandat jigi notifikat lid-Direttur tar-Registru Pubbliku, li minnufih ghandu jikteb il-mandat fir-registri appositi. Dawn l-istess provedimenti pero' jaghmlu enfasi li dawn ir-registri jkun jista` jarahom kulhadd. Ghalhekk il-kwestjoni tal-pubblicita' hi ta' certa importanza. Mhux bizzejjed li l-mandat jigi notifikat izda hemm bzonn u hu essenzjali li l-mandat jigi registrat fil-kotba appositi, liema kotba jkun jista` jarahom kullhadd.*

**b) <u>Risultanzi</u>**

Minn din it-talba, jinsorgu zewg kwistjonijiet.

**<u>L-ewwel kwistjoni</u>** hija x`intalab mir-rikorrenti u x`gie dekretat favur taghha.

Fir-rikors ghall-hrug tal-mandat, ir-rikorrenti qaghdet fuq il-formula li tinsab fir-registru tal-qrati superjuri u li tintuza ghal talbiet ta` hrug ta` mandati ta` inibizzjoni skont l-Art 874 tal-Kap 12.

Tajjeb jinghad li l-formola in kwistjoni ma tirriproducix strettament dak li jghid l-Art 874(1) tal-Kap 12.

Imbaghad, fil-kaz tal-lum, hemm differenza bejn dak li ntlaqa` provvizorjament mill-qorti fid-digriet taghha tat-18 ta` Frar 2019 ma` dak li ntlaqa` mill-istess qorti fid-digriet finali taghha tat-18 ta` April 2019 (*vide supra*).

**Ghall-fini ta` certezza tad-dritt**, il-Qorti sejra toqghod fuq li jghid l-Art 874(1) tal-Kap 12 fis-sens illi meta jintalab il-hrug ta` mandat ta` inibizzjoni minn *kreditur biex jizgura dejn, jew kull pretensjoni ohra li tkun tammonta ghal mhux inqas minn hdax-il elf sitt mija u sitta u erbghin euro u sitta u tmenin centezmu (11,646.86)* it-talba li jaghmel tkopri *ope legis* iz-zamma tad-*debitur milli jbigh, jittrasferixxi jew jiddisponi inter vivos mill-proprjetà li tigi indikata fir-rikors b'titolu oneruz jew gratuwitu* ***jew b'xi mod johloq piz jew drittijiet reali u, jew personali***.

Hekk tghid il-ligi *expressis verbis.*

Ghalhekk kien x`kien dak li ntalab fir-rikor promotur, it-talba **testendi ruhha** *ope legis* ghal kull mod li bih jinholoq piz jew drittijiet reali u/jew personali fuq il-propjeta`.

Dan ikompli jfisser li iskrizzjonijiet ipotekarji ma setghux isiru.

**It-tieni kwistjoni** hija liema huwa l-*punctum temporis* rilevanti sabiex tiskatta l-projbizzjoni : id-data tan-notifika tad-Direttur tar-Registru Pubbliku jew id-data tan-notifika tal-intimati ?

Mill-atti ta` dan il-procediment jirrizulta li d-digriet provvizorju tat-18 ta` Frar 2019 kien notifikat lid-Direttur tar-Registru Pubbliku fit-19 ta' Frar 2019 fit-07.50. Dan inghata n-numru progressiv 4527. Min-naha taghhom l-intimati kienu notifikati **wara** li saru z-zewg kuntratti fl-atti tan-Nutar Dr Nicholas Vella.

Wara li hasbet fit-tul, wara li mhux biss qieset dak li jinghad fl-Art 874 tal-Kap 12 b`doza qawwija ta` buon sens, il-Qorti tghid li l-effetti tad-digriet provvizorju tat-18 ta` Frar 2019 kellhom jibdew ikollhom effett *erga omnes* mid-19 ta` Frar 2019, u cioe` d-data tan-notifika tad-direttur tar-Registru Pubbliku. Ghalhekk il-kuntratti tal-21 ta` Marzu 2019 u 22 ta` Marzu 2019 ma setghux isiru. Il-fatt li n-notifika tal-mandat provvizorju lill-intimati saret **wara** li kienu konkluzi z-zewg kuntratti ma

jhassar xejn mill-fatt illi l-effetti tal-mandat provvizorju kisbu l-milja taghhom bin-notifika tad-Direttur tar-Registru Pubbliku fit-18 ta` Frar 2019.

**Ghalhekk l-ewwel talba qeghda tkun milqugha.**

**VI. <u>It-tieni talba</u>**

**a) <u>Gurisprudenza</u>**

Huwa pacifiku illi "*min jarbitra u jmur kontra dak li gie lilu ordnat b'mandat ta' inibizzjoni, filwaqt li dak il-mandat ikun ghadu jsehh, jirrendi ruhu hati ta' disprezz ghall-Awtorita' tal-Qorti* .... *L-interess socjali u l-buon ordni pubbliku jesigi illi l-ordnijiet tal-Qorti jigu obduti u jigu kontrarjati u puniti l-infrazzjonijiet ta' dawk l-ordnijiet*" (**<u>Kollez. Vol. XXIX.II.1023</u>** ; "**<u>Edward Camilleri noe v. Carmelo Vella</u>**" : Appell : 7 ta` Ottubru 1997).

Kien hemm zmien fejn kien ritenut illi l-istanza ghad-disprezz kellha tigi istitwita mill-parti nteressata fil-procediment fejn ikun allegat li jkun javvera ruhu l-att dispreggjattiv. Fil-verita`, biex jinghad kollox, ma jidhirx li l-kazistika fuq dan il-punt kienet wahda konsistenti. Dan ghaliex, kif inghad fid-decizjoni fl-ismijiet "**<u>Mary Bonello v. Cristinu Bonello</u>**" (Appell Civili : 2 ta' Novembru 1983), f`dak l-istess zmien ritenut ukoll illi hi "l-*Qorti biss li tigi leza u mhux il-parti privata u ghalhekk hija l-Qorti biss li ghandha s-setgha li tiddeciedi jekk jittihdux jew le proceduri ghad-disprezz lejn l-awtorita' taghha*". Issokta jinghad illi "ki*eku kellu jigi permess illi l-parti privata tiehu passi, permezz ta' citazzjoni ordinarja, ghal disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti, jigi li l-parti privata tkun qed tarroga ghaliha poter li huwa moghti biss lill-Qorti li tkun leza*."

Kien propju ghalhekk li saret l-emenda ghall-Kap. 12, introdotta bl-Att XXIV ta` l-1995, propju bl-iskop li tnehhi l-incertezza.

**<u>L-Art. 1003A tal-Kap. 12</u>** jiddisponi illi "*bla hsara ghad-disposizzjonijiet ta' dan it-titolu f'kull procediment ghal disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti, ir-Registratur ghandu jibda, kif jigi ordnat mill-Qorti, il-procedimenti mehtiega u ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi huwa ghandu jitqies bhala l-attur*."

Fis-sentenza fl-ismijiet "**<u>Avukat Irene Bonello v. Onor. Prim. Ministru et</u>**" (Appell : 28 ta' Frar 1997) jinghad illi "*l-istitut li jirrigwarda r-rispett li ghandu jingieb lill-Qorti (Titolu XVII tal-Kap. 12) hu ta' natura penali u hu mahsub biex jassigura l-buon ordni u d-dekor fil-kondotta tal-procedura. Hu istitut li jimponi sanzjonijiet u pieni fuq min jonqos mir-rispett lejn l-Awtorita' tal-Qorti. <u>Il-parti leza</u> <u>hi allura l-Qorti u mhux xi wiehed jew wahda mill-kontendenti</u>.*"

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta` Frar 2001 fil-kawza fl-ismijiet "**<u>Concetta Dimech v. Joseph Bonnici</u>**" inghad illi ghandha tigi pprecizata "*n-natura ta' l-azzjoni taht ezami li kienet timporta l-apprezzament da parti tal-Qorti tac-cirkostanzi li fihom l-ordni taghha tkun giet volutament sfidata .... Tali apprezzament kien jispetta lill-Qorti oltreggjata u kien biss eccezzjonalment li din il-Qorti, u wisq anqas xi parti in kawza, setghu jissindikawh u jiddisturbawh ... Kienet dik il-Qorti li fil-konfront taghha jkun allegatament intwera disprezz li kellha tkun l-arbitru biex tiddeciedi mhux biss jekk tali disprezz kienx jezisti jew le, mhux biss jekk kien jezisti, kemm kien munit bl-intenzjoni li tigi oltreggjata l-awtorita' tal-Qorti, imma wkoll il-gravita' ta' tali oltragg*."

Wahda mis-setghat ewlenin ta` kull qorti hija dik li taghti ordnijiet u fost dawn hemm il-hrug tal-Mandati (kemm esekuttivi kif ukoll kawtelatorji). Il-ksur ta` kull ordni jikkostitwixxi disprezz lejn l-awtorita` li bis-sahha taghha tkun inghatat dik l-ordni **(<u>C.J. Miller</u> – "<u>Contempt of Court</u>**" : 2nd Edition 1990 : Pg. 25-29).

Kif kien osservat fis-sentenza fl-ismijiet "**<u>Markiz Anthony Cassar Desain et v. Giovanni Pace et</u>**" (Appell Civili : 15 ta` Ottubru 1965), "*il-procedura hi ligi ta' ordni pubbliku. Ghalhekk ma jistax jigi ammess li procedura stabbilita mil-ligi tigi sostitwita b'ohra, lanqas bil-kunsens tal-parti opposta. U l-eccezzjoni relattiva, jekk ma tigix sollevata, jew tigi rinunzjata mill-parti l-ohra, ghandha tigi sollevata mill-Qorti ex officio.*"

Fis-sentenza tieghu fil-kawza **<u>In Re Bramblevale Limited</u>** (1970) Lord Denning ikompli jfisser u jkompli jinkwadra n-natura tal-istitut meta jirrimkarka li : "*This kind of contempt has the characteristics which are common to all contempts of court. <u>It is a</u> <u>criminal offence</u>. <u>It must be proved beyond reasonable doubt</u>.* (sottolinear ta' din il-Qorti)

U tibqa` ta` dik ix-xorta anke jekk jiehu s-sura ta` procediment civili bhal fil-kaz in ezami (**<u>Vol.LXXV.II.526</u>**)

Ghalhekk l-akkuza ta` disprezz iggib maghha l-htiega li ssir il-prova minn min qed iressaq l-akkuza li l-persuna akkuzata riedet tisfida lill-Qorti u l-awtorita` taghha (<u>PA – 12 ta` Dicembru 2001 – "</u>**<u>Registratur tal-Qrati Superjuri vs Mizzi</u>**").

Il-prova tal-element intenzjonali hija vitali u tikkostitwixxi l-agir tad-disprezz b`mod li minghajru ma jsir l-ebda disprezz (**Vol.LXVII.II.7**)

L-intenzjoni ma tiddependix minn jekk il-persuna akkuzata tqisx l-ordni moghti lilha bhala korrett jew le. Is-siwi ta` dik l-ordni sakemm ma jithassarx b`ordni iehor tal-Qorti nnfisha jew ta` qorti ohra huwa raguni oggettiva li torbot lill-konvenut li joqghod ghaliha, jaqbel jew ma jaqbilx maghha. Hekk stabbilew il-Qrati taghna, ukoll fejn wara rrizulta li l-ordni tal-Qorti kien null u bla effett – (ara "**Camilleri noe v. Vella**" : op. cit.)

Ghalhekk il-procediment tad-disprezz huwa sanzjoni kontra min ikun gab b'idejh u b'ghemilu jew bl-omissjoni tieghu skont il-kaz ksur ta` ordni moghtija lilu. L-attur f'kawza ta' din ix-xorta qieghed huwa nnifsu jesegwixxi ordni moghtija lilu minn Qorti kompetenti biex jibda dawn il-proceduri. L-attur odjern m`ghandux x`jirbah xejn b`tali proceduri ghajr li jizgura li tkun imharsa l-amministrazzjoni tajba tal-gustizzja (**Vol.LXXIV.III.546**)

## b) Risultanzi

**Premessa din ir-rassenja ampjament ta` gurisprudenza, u wara li rat l-atti, il-Qorti ma ssibx li hemm fondament tkun akkolta t-tieni talba.**

Sabiex jista` jinghad li l-agir tal-intimati jammonta ghal disprezz, trid issir il-prova sal-grad ta` "minghajr dubju ragjonevoli" illi l-intimati mhux biss kienu jafu li fit-18 ta` Frar 2019 kienet dekretata talba tar-rikorrenti ghall-hrug ta` mandat ta` inibizzjoni provvizorju kontra taghhom izda li volutament sfidaw l-ordni tal-qorti.

Din il-prova ma tirrizultax.

Anzi li rrizulta minghajr dubju ta` xejn huwa li l-intimati kienu notifikati bid-digriet tat-18 ta` Frar 2019 wara li z-zewg kuntratti ta` kostituzzjoni ta` debitu kienu diga` ffirmati u konkluzi.

**Ghalhekk it-tieni talba qeghda tkun michuda.**

**VII. <u>It-tielet talba</u>**

**It-tielet talba hija konsegwenzjali ghall-akkoljiment tat-tieni talba.**

**Billi t-tieni talba kienet respinta, sejra tkun michuda wkoll it-tielet talba.**

**VIII. <u>Ir-raba` talba</u>**

**Sejra tqis ir-raba` talba fil-kuntest tal-ewwel talba.**

**Ghalhekk sejra tipprovdi dwar ir-raba` talba sabiex tassikura li l-akkoljiment tal-ewwel talba titwettaq ghall-fini u effetti kollha tal-ligi.**

**<u>Decizjoni</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, qeghda tiddeciedi dwar ir-rikors odjern billi :-**

**Tilqa` l-ewwel talba.**

**Tichad it-tieni u t-tielet talbiet.**

**Tilqa` r-raba` talba billi tordna t-thassir tal-ipoteka specjali numru 6964 datata 4 ta` April 2019 u tal-ipoteka specjali numru 7189 datata 8 ta` April 2019.**

**Ghall-fini tar-raba` talba, tordna wkoll lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel kull huwa mehtieg sabiex l-ordni taghha tat-thassir taz-zewg ipoteki specjali fuq riferiti titwettaq ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.**

**Spejjez bla taxxa.**

**Tordna l-komunika ta` din id-decizjoni lid-Direttur tar-Registru Pubbliku.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**